PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument ta' Sessjoni

A6-0053/2008

29.2.2008

*

RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehima tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw.
(COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Luis Manuel Capoulas Santos

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.....**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....**Error! Bookmark not defined.**

PROĊEDURA.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehima tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw. ((COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209 (CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill (COM(2007)0580),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 300(2), tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subinċiż, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0391/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 83(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp kif ukoll tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0053/2008),

1. Japprova l-proposta għal Regolament tal-Kunsill kif emendata u japprova l-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 2 a (ġdida)

	2a. Huwa importanti li jiġi mtejjeb it-tagħrif ipprovdut lill-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-kumitat konġunt imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Ftehima.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tenfasizza l-importanza mogħtija lit-trażmissjoni, lill-Parlament Ewropew, tat-tagħrif kollu relevanti għall-valutazzjoni tal-ftehima.

Emenda 2
Artikolu 3, paragrafu 1 a (ġdid)

Il-Kummissjoni kull sena għandha teżamina jekk il-membri li l-bastimenti tagħhom joperaw skond il-protokoll anness mal-Ftehima kinux konformi ma' l-obbligi fil-qasam ta' l-irrappurtar. Jekk issib li ma kinux konformi, il-Kummissjoni għandha tissospendi t-talba tagħhom għal liċenzja tas-sajd għas-sena ta' wara.

Ġustifikazzjoni

Il-bastimenti li ma jikkonformawx ruħhom ma' l-obbligi l-aktar fundamentali, jiġifieri d-dikjarar tal-qabdiet tagħhom, m'għandhomx jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja mill-UE.

Emenda 3
Artikolu 3 a (ġdid)

Artikolu 3a

Il-Kummissjoni kull sena għandha tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-riżultati tal-programm settorjali plurijennali msemmi fl-Artikolu 7 tal-protokoll, kif ukoll dwar il-grad ta' konformità ta' l-Istati Membri ma' l-obbligi tagħhom ta' rappurtar.

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li tevalwa jekk il-kumpens huwiex suġġett għall-kontrolli meħtieġa u jekk verament jikkontribwixxix għall-promozzjoni ta' użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fil-Ginea-Bissaw, il-Kummissjoni kull sena għandha tressaq rapport quddiem il-Parlament.

Emenda 4
Artikolu 3 b (ġdid)

Artikolu 3b

Matul l-aħħar sena ta' validità tal-protokoll u qabel ma tiġi ffirmata ftehima ġdida

mmirata biex il-protokoll jiġi mġedded, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u quddiem il-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni tal-Ftehima u l-kundizzjonijiet li fihom din tkun ġiet implimentata.

Ġustifikazzjoni

Qabel il-konklużjoni ta' ftehima ġdida għal kollox, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li miegħu tkun qed tiftaħ in-negozjati biex jipprovdulha t-tagħrif li fuq il-bażi tiegħu hi għandha tressaq rapport ta' valutazzjoni ġenerali lill-Parlament u lill-Kunsill.

Emenda 5
Artikolu 3 c (ġdid)

Artikolu 3c

Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 3a, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu jagħti, jekk ikun il-każ, mandat ta' negozjar lill-Kummissjoni bil-għan li jiġi adottat protokoll ġdid.

Ġustifikazzjoni

Huwa biss fuq il-bażi tar-rapport ta' valutazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehima ta' sajd li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jkunu f'pożizzjoni li jkunu konformi ma' l-obbligi li jaqgħu fuqhom.

Emenda 6
Artikolu 3 d (ġdid)

Artikolu 3d (ġdid)

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Parlament Ewropew il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-kumitat konġunt imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Ftehima.

NOTA SPJEGATTIVA

DAĦLA

Fit-23 ta' Mejju 2007, il-Komunità u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw innegozjaw u inizjalaw ftehima ta' sħubija fis-settur tas-sajd li tagħti lis-sajjieda Komunitarji opportunitajiet ta' sajd fiż-żona tas-sajd tal-Ginea-Bissaw. Din il-ftehima ta' sħubija, flimkien ma' protokoll u l-annessi tiegħu, ġiet konkluża għal perjodu ta' erba' snin, li jista' jiġi mġedded.

Il-ftehima tabroga u tieħu post, mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ, il-ftehima ta' sajd konkluża bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw rigward is-sajd 'il barra mill-Ginea-Bissaw, li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Awissu 1980, u li kienet fost il-ftehimiet l-aktar antiki konklużi mill-Komunità.

Il-protokoll ta' qabel anness mal-ftehima ta' sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Ginea-Bissaw skada fil-15 ta' Ġunju 2007, wara li kien ġie estiż b'sena[1]. Il-protokoll il-ġdid jikkonċerna l-perjodu inkluż bejn is-16 ta' Ġunju 2007 u l-15 ta' Ġunju 2011.

It-tabella li tidher hawn taħt tippermetti li jinġabru fil-qosor il-protokolli preċedenti, minn mindu kienet daħlet fis-seħħ l-ewwel ftehima ta' qafas, fl-1980.

PROTOKOLLI TA' SAJD BEJN IL-KE U L-GINEA-BISSAW 1980/2007

Perjodu kopert	Kontribuzzjoni finanzjarja totali (€)	Miżuri speċifiċi (€)	Miżuri speċifiċi (%)
16/06/04 15/06/07	25.030.000 (7,260,000/sena + 3,250,000)	3.250.000	12,9
16/06/01 15/06/04	30.000.000 (10,000,000/sena l-ewwel tliet snin, 10,500,000 l-aħħar sentejn)	3.000.000	10
16/6/97 15/6/01	36.000.000 (9,000,000/sena)	2.000000	5,56
16/6/95 15/5/97	11.500.000 + 1.200.000 (5,750,000/sena + 600,000)	700.000	5,76
16/6/93 15/6/95	12.700.000 (6.350.000/sena)	700.000	5,51
16/6/91 15/6/93	13.350.000 (6,675,000/sena)	1.350.000	10,11
16/6/89 15/6/91	11.930.000 (5,965,000/sena)	1.100.000	9,22
16/6/86 15/6/89	7.900.000 (2,633,000/sena)	400.000	5,06
15/3/86 15/6/86	Estensjoni tal-Protokoll preċedenti *Pro rata temporis*	---	
16/3/83 15/3/86	4.275.000 (1,425,000/sena)	---	
1981 1983	FF 12,800,000 (FF 6,400,000/sena)	---	

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/511/KE, tal-11 ta' Lulju 2006, u r-Regolament (KE) nru 1491 tal-Kunsill, ta' l-10 ta' Ottubru 2006.

VALUTAZZJONI

Tmexxiet valutazzjoni ddettaljata tal-Protokoll 2001-2006, li kienet ġiet iffinalizzata f'Diċembru ta' l-2005, bl-appoġġ ta' panel ta' konsulenti indipendenti, bil-għan li jkun possibbli l-illanċjar eventwali tan-negozjati marbuta ma' protokoll ġdid.

Il-valutazzjoni ex-ante waslet għall-konklużjoni li, filwaqt li tippermetti li jkun hemm rispons għall-bżonnijiet tal-flotot Ewropej, il-ftehima ta' sajd mal-Ginea-Bissaw ikkontribwiet għas-sostenn tal-vijabilità tas-setturi komunitarji tas-sajd bil-bastimenti tat-tkarkir u bil-basitmenti li joħorġu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku billi tforni lill-bastimenti u lis-setturi Komunitarji li jiddependu minnhom qafas ġuridiku stabbli u viżibilità għall-medda l-medja ta' żmien.

Għal dak li jirrigwarda l-interessi tal-Ginea-Bissaw fil-qafas tal-ftehima, il-valutazzjoni kkonkludiet li l-ftehima ta' sajd ikkontribwiet għar-rinforz tal-kapaċitajiet istituzzjonali tas-settur tas-sajd billi mmeljorat il-kontrolli fuq l-esportazzjoni, ir-riċerka u l-attivitajiet ta' segwiment, tal-kontroll u tas-sorveljanza, u li kellha ugwalment impatt li mhux ta' min jinjorah fuq l-istabblilità baġitarja u politika tal-pajjiż.

Skond dan ir-rapport, il-problemi prinċipali li ġew iffaċċjati meta kienet qed tiġi implimentata din il-ftehima kellhom x'jaqsmu b'mod notevoli man-nuqqasijiet fl-infrastrutturi tas-settur fil-Ginea-Bissaw u mad-diffikultajiet marbuta mal-monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat.

Ir-rapport ta' valutazzjoni jirrakkomanda li jsir tnaqqis fl-isforz ta' sajd fil-kapitolu tas-sajd għall-gambli u li jinżamm kif inhu, fuq il-livell tal-Protokoll 2001-2006, l-isforz ta' sajd għall-kategorija tal-ħut/kefalopodi. Meta jitkellem dwar il-bastimenti li joħorġu għat-tonn, ir-rapport jirrakkomanda bl-istess mod li jinżamm kif inhu l-aċċess għall-istess numru ta' bastimenti (bit-tartarun u bil-qasba u x-xlief) u t-tneħħija eventwali ta' l-opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti bil-konz.

Imsejjes fuq il-parir xjentifiku maħruġ miċ-Ċentru ta' Riċerki Applikati dwar is-Sengħa tas-Sajd (CIPA) tal-Ginea-Bissaw fi tmiem is-sena 2006, l-analiżi ta' l-opportunitajiet ta' sajd mill-2004 'l hawn u t-talbiet ta' l-Istati Membri, ħareġ li huwa possibbli li jinżammu kif inhuma fil-protokoll il-ġdid l-opportunitajiet ta' sajd għall-kategoriji ta' gambli u ħut/ċefalopodi fil-livell tal-protokoll ta' qabel, filwaqt li l-opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti li joħorġu għat-tonn ġew irriveduti 'l isfel.

ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-FTEHIMA, TAL-PROTOKOLL U TA' L-ANNESSI TAGĦHOM

L-għan ewlieni tal-ftehima ta' sħubija l-ġdida huwa li tiġi msaħħa l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw favur it-twaqqif ta' qafas ta' partenarjat għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u għal sfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Ginea-Bissaw, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Iż-żewġ partijiet qablu li jintrabtu li jidħlu fi djalogu politiku dwar suġġetti ta' interess komuni fil-qasam tas-sajd. Huma ntrabtu wkoll li jiggarantixxu l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi,

il-monitoraġġ u s-sorveljanza taż-żoni tas-sajd tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw, u li jaħdmu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw bil-għan tmexxija titwettaq politika settorjali ġenwina ta' l-industriji tas-sajd .

F'dan il-kuntest, iż-żewġ partijiet se jaqblu dwar il-prijoritajiet li għandhom jiġu ffissati għal dan l-appoġġ u se jiddeterminaw l-objettivi li għandhom jiġu rrealizzati, il-programmazzjoni annwali u multijannwali relatati magħhom u l-kriterji li jippermettu li ssir valutazzjoni tar-riżultati miksuba, bil-għan li tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-settur. L-Anness IV tal-protokoll jiddikjara l-elementi bażiċi li għandhom x'jaqsmu mal-linji strateġiċi, l-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni li jridu jiġu meqjusa fil-qafas tal-protokoll.

Il-kumpens finanzjarju huwa ffissat għal EUR 7 miljun fis-sena (jiġifieri EUR 28 miljun, b'kollox, fuq erba' snin). Minn dan l-ammont totali, 35%, li jiġu EUR 2 450 miljun (EUR 9 800 miljun fuq erba' snin) għandhom jiġu allokati għall-appoġġ u għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi meħuda fil-kuntest tal-politika settorjali ta' l-industriji tas-sajd iddefinita mill-Gvern tal-Ginea-Bissaw. Bil-għan li tkun assigurata ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-settur, il-partijiet qablu li jiffavorixxu l-oqsma ta' intervent li ġejjin: il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet ta' sajd, ir-riċerka xjentifika u l-ippjanar u l-iżvilupp taż-żoni tas-sajd.

Kontribuzzjoni speċifika supplimentari li tammonta għal EUR 500 000 fis-sena (EUR 2 miljun fuq l-erba' snin), hija wkoll maħsuba primarjament għat-titjib tal-kundizzjonijiet sanitarji tal-prodotti tas-sajd. Din il-kontribuzzjoni tista' madanakollu tintuża wkoll sabiex tappoġġja l-miżuri ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza. Il-protokoll fih ugwalment mekkaniżmu finanzjarju li l-pakkett tiegħu għandu l-ogħla limitu ffissat għal miljun euro fis-sena, bil-għan li tittejjeb l-utilizzazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd mid-dilettanti.

It-taxxa applikabbli għas-sidien għal kull tunnellata ta' tonn li jkun inqabad fiz-zona ta' sajd tal-Ginea-Bissaw hija ffissata għal EUR 35 għall-bastimenti bit-tartarun u l-bastimenti bil-konz (minflok EUR 25 għal kull tunnellata fil-protokoll ta' qabel) u ta' EUR 25 għall-bastimenti bil-qasba u x-xlief (li hi l-istess somma bħal fil-protokoll ta' qabel). Il-ħlasijiet li jsiru bil-quddiem kull sena huma ffissati għall-ammont ta' EUR 3 150 għal kull bastiment li jistad għat-tonn bit-tartarun u għal kull bastiment li jistad għat-tonn bil-konz (għal 90 tunnellata fis-sena) u għal EUR 500 għal kull bastiment li jistad għat-tonn bil-qasba u x-xlief (għal 20 tunnellata fis-sena). It-tariffi annwali għall-bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-ħut/ċefalopodi u għall-bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-gambli jitilgħu rispettivament għal EUR 229 u għal EUR 307 /TGR (tunnellata gross reġistrata) Meta mqabbel mal-protokoll ta' qabel, wieħed jinnota li kien hemm żjieda fit-tariffi ta' kważi 10% fuq il-liċenzji tal-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli u tal-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut/ċefalopodi, u ta' kważi 33% u 40% għall-ħlasijiet li jsiru bil-quddiem kull sena applikabbli, rispettivament għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun u għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-konz. Huwa stmat li t-total annwali li se jiġi mħallas mis-sidien biex jieħdu l-liċenzji tagħhom se joqrob lejn is-somma ta' 1 700 miljun ewro.

F'dak li jirrigwarda l-opportunitajiet ta' sajd, 19-il bastiment li jistad għat-tonn bit-tartarun, 14-il basitment tas-sajd bil-qasba u x-xlief u 4 bastimenti bil-konz tal-wiċċ se jkunu awtorizzati biex jistadu (in-numru totali tal-liċenzji, li kien ta' 70 fil-protokoll ta' qabel, ma jitlax għal aktar minn 37), kif ukoll bastimenti tat-tkarkir għall-gambli u bastimenti tat-tkarkir

għall-ħut/ċefalopodi li t-tunnellaġġ tagħhom totali għal kull wieħed minn dawn il-kategoriji jitla' sa 4 400 tunnellata gross irreġistrata (TGR) fis-sena. Madankollu, fuq talba tal-Komunità, jistgħu jitmexxew kampanji ta' sajd sperimentali fl-ambitu tal-ftehima. Jekk dawn joħorġu konklussivi, iż-żewġ partijiet jistgħu jiddeċiedu li jallokaw opportunitajiet ta' sajd ġodda lill-bastimenti Komunitarji.

It-tabella t'hawn taħt tippermetti li jiġu mqabbla l-protokoll il-ġdid u l-protokoll ta' qabel f'dawk li huma opportunitajiet ta' sajd kif ukoll it-tqassim tagħhom bejn l-Istati Membri u r-rata medja ta' utilizzazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet bejn l-2004 u l-2006.

OPPORTUNITAJIET TA' SAJD 2007-2011

Allokazzjoni fost l-Istati Membri	**Opportunitajiet ta' sajd 2004/2007**	**Rata medja ta' utilizzazzjoni 2004-2006**		**Opportunitajiet ta' sajd 2007/2011**	**Differenza bejn l-opportunitajiet ta' sajd intenzjonati mill-protokoll l-antik u dak ġdid**
Bastimenti bit-tartarun u bastimenti bil-konz tal-wiċċ li jistadu għat-tonn	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**
Spanja	20	12	60%	10	-10
Franza	19	9	47%	9	-10
L-Italja	1	0	0%	0	-1
Il-Portugall (bastimenti bil-konz)	4	0	0%	4	0
Totali	**44**	**21**	**48%**	**23**	**-21**
Bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasba u x-xlief	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**	**numru ta' bastimenti**
Spanja	21	7	33%	10	-11
Franza	5	4	80%	4	-1
Totali	**26**	**11**	**42%**	**14**	**-12**
Bastimenti tat-tkarkir għall-ħut/ċefalopodi	**TGR**	**TGR**	**TGR**	**TGR**	**TGR**
Spanja	3.143	1.432	46%	3.143	0
L-Italja	786	138	18%	786	0
Il-Greċja	471	0	0%	471	0
Totali	**4.400**	**1.570**	**36%**	**4.400**	**0**
Bastimenti tat-tkarkir għall-gambli	**TGR**	**TGR**	**TGR**	**TGR**	**TGR**
Spanja	1.421	1.111	78%	1.421	0
L-Italja	1.776	1.011	57%	1.776	0
Il-Greċja	137	0	0%	137	0
Il-Portugall	1.066	571	54%	1.066	0
Totali	**4.400**	**2.693**	**61%**	**4.400**	**0**

Għal dak li jirrigwarda l-kategoriji gambli u ċefalopodi, il-Ginea-Bissaw intrigat ruħha li tirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-pjan ta' mmaniġġjar anness mal-protokoll (Anness III), filwaqt li tnaqqas l-isforz ta' sajd, u b'mod notevoli: billi, fl-2007, iżżomm kif inhuma l-ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi u l-Komunità Ewropea; billi tevita li tittrasferixxi għas-sena 2008 u għas-snin ta' wara l-opportunitajiet ta' sajd konċessi lil pajjiżi terzi fid-data ta' l-1 ta' Jannar 2007 u li ma jkunux ġew utilizzati; billi, f'dawn il-kategoriji, ma tikkonċedi l-ebda opportunità ta' sajd lill-każijiet ta' kiri ta' bastiment (chartering); billi tabbanduna u tiddenunċja fomalment kull ftehim ma' kumpaniji jew assoċjazzjonijiet/intrapriżi ewropej. Barra minn hekk, fl-Anness II, l-iskedi tekniċi 1 u 2 applikabbli għall-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut u ċ-ċefalopodi u għall-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli jantiċipaw il-possibilità li wieħed jirrikorri għal pawsi bijoloġiċi. F'dak li jirrigwarda s-sajd tal-gambli, il-Ginea-Bissaw ipprovdiet ukoll li timpenja ruħha li ġġib minn 40 mm għal 50 mm il-malja tax-xibka minima awtorizzata, f'konformità mal-liġijiet fis-seħħ fis-sottoreġjun.

Ġie mwaqqaf kumitat konġunt kompost minn rappreżentanti tal-Komunità u tal-Ginea-Bissaw, inkarigat li jimmoniterja l-applikazzjoni tal-ftehima u, b'mod notevoli, li jassigura l-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-ftehima ta' sħubija għall-applikazzjoni tal-politika settorjali ta' l-industriji tas-sajd tal-Ginea-Bissaw.

Il-ftehima ta' sħubija tipprovdi wkoll għat-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni ekonomika, xjentifika, teknika u amministrattiva fis-settur tas-sajd u fis-setturi relatati miegħu.

Matul il-perjodu ta' validità tal-ftehima, il-Komunità u l-Ginea-Bissaw għandhom jagħmlu ħilithom biex jimmoniterjaw l-evouzzjoni ta' l-istat tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd tal-Ginea-Bissaw. Għal dan il-għan ġiet stabbilita laqgħa xjentifika annwali konġunta, li għandha tinżamm alternattivament fil-Komunità u fil-Ginea-Bissaw.

Il-bastimenti Komunitarji li huma awtorizzati li jipprattikaw is-sajd fiz-zona tal-Ginea-Bissaw għandhom ikunu sottomessi għal reġim ta' kontroll strett u kull dħul fiz-zona u kull ħruġ minnha għandu jkun ikkomunikat lill-ministeru kompetenti. L-Anness I tal-protokoll fih id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-formalitajiet applikabbli għat-talba u l-għoti tal-liċenzji, għar-reġim ta' dikjarazzjoni tal-qabdiet, għall-osservaturi abbord, għall-proċeduri ta' kontroll, għall-ispezzjonar tal-bastimenti, għat-trabordimenti u għal-lokalizzazzjoni bis-satellita. Il-bastimenti tat-tkarkir għandhom b'mod regolari jkunu suġġetti għal spezzjonijiet tekniċi.

Id-dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji tad-Drittijiet Fundamentali fix-Xogħol, tapplika bħala dritt għall-baħrin li jkunu imbarkati fuq il-bastimenti ta' l-UE.

Fir-rigward ta' l-imbarkazzjoni ta' baħrin, l'Anness I jistabbilixxi li kull sid ta' bastiment tat-tkarkir għandu jintriga li jimpjega numru determinat ta' sajjieda Bissaw-Gineani (minn 3 sa 6 baħrin, skond it-tunnellaġġ gross tal-bastimenti).

Il-bastimenti Komunitarji huma awtorizzati li jwettqu l-attivitajiet tagħhom ta' sajd fl-ilmijiet li jinsabu lil hinn mit-tnax-il mil nawtiku mil-linji ta' bażi.

KONKLUŻJONIJIET TAR-RAPPORTEUR

Ir-rapporteur jidhirlu li l-ftehima, il-protokoll u l-annessi tiegħu huma vantaġġjużi għaż-żewġ partijiet, u li huma se jippermettu li li tkun promossa relazzjoni ta' partenarjat ibbażata fuq konsultazzjoni minn qabel, fuq l-interess reċiproku u fuq il-prinċipji ta' attività ta' sajd responsabbli u ta' esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiz-zoni ta' sajd tal-Ginea-Bissaw.

Il-ftehima ta' sajd għandha ugwalment importanza essenzjali għall-istabbilità ekonomika u politika tal-Ginea-Bissaw, kemm-il darba hija tikkontribwixxi biex jiġi assigurat porzjon sostanzjali tar-riżorsi baġitarji ta' dan il-pajjiż.

Ir-rapporteur, f'isem il-Kumitat għas-Sajd, jirrakkomanda lill-Parlament li japprova l-proposta preżenti tar-regolament tal-Kunsill, ma' l-emendi proposti, li għandhom il-għan li jissottolinjaw l-importanza ddedikata biex il-Parlament Ewropew ikun infurmat aħjar u biex l-irwol ta' dan ta' l-aħħar ikun irrinforzat.

29.1.2008

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehima ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw
(COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Josep Borrell Fontelles

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea u l-politika komuni għas-sajd (CFP) iridu jkunu konsistenti, komplimentari u koordinati, u flimkien jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi konċernati kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom.

L-UE impenjat ruħha biex tiżgura s-sostenibilità tas-sajd madwar id-dinja, kif definit fil-laqgħa għolja tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-2002 f'Johannesburg, filwaqt li żżomm jew terġa' tistabbilixxi livelli ta' stokk bil-ħsieb li jintlaħaq l-ammont massimu ta' produzzjoni sostenibbli.

L-UE aċċettat il-"Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli" ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, li tippromovi sajd sostenibbli fit-tul u li tafferma li d-dritt li wieħed jistad iġorr miegħu d-dmir li wieħed jagħmel dan b'mod responsabbli biex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-immaniġġjar effettiv tar-riżorsi ħajjin tal-baħar.

Il-preżenza ta' l-UE f'zoni ta' sajd imbiegħda hija objettiv leġittimu, iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li l-interess tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun protett flimkien ma' l-interess ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi li magħhom jiġu ffirmati l-ftehimiet dwar is-sajd.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjoni adottata fl-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP/UE tat-22 ta' Ġunju 2006 dwar "is-Sajd u l-aspetti soċjali u ambjentali tiegħu fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw", b'mod partikolari meta wieħed iqis li l-protezzjoni ta' l-interessi tas-sajd ta' l-UE u ta' l-ACP trid tkun koordinata ma' l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd f'sens ekonomiku, soċjali u ambjentali min-naħa l-waħda, u ma' l-għajxien tal-komunitajiet kostali li jiddependu fuq is-sajd min-naħa l-oħra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew ikompli jisħaq dwar ir-referenza mniżżla fil-Ftehima ta' Sħubija tas-Sajd ta' l-ACP-UE biex tiġi rispettata l-Ftehima ta' Cotonou; jinsisti

li trid tingħata konsiderazzjoni sħiħa għall-Artikolu 9 tal-Ftehima ta' Cotonou dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, u jilqa' b'sodisfazzjon il-garanziji mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni sakemm dawn jagħtu kas tal-kontenut ta' l-Artikolu 9 meta jiġu nnegozzjati ftehimiet ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi dawk li mhumiex fl-ACP.

Il-ftehima proposta ser tħassar u tieħu post il-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 1980.

Il-Protokoll u l-Anness ġew konklużi għal perjodu ta' erba' snin mid-data li fiha jitlestew il-proċeduri xierqa ta' adozzjoni. Din il-ftehima terġa tiġġedded għall-perjodu ta' sitt snin b'mod taċitu.

Il-Protokoll għall-ftehima proposta jagħti l-possibilità ta' sajd lil 23 skuna tat-tonn li jistadu bit-tartarun u bil-konz tal-wiċċ minn Spanja, Franza u l-Portugal, u 14-il skuna "pole-and line" minn Spanja u Franza, suġġetti għal total ta' 37 liċenzja.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja hija stabbilita għal 7 miljun ewro fis-sena. Kontribuzzjoni speċifika addizzjonali li tammonta għal EUR 500 000 fis-sena hija wkoll maħsuba primarjament biex isir titjib fil-kundizzjonijiet sanitarji u iġjeniċi tal-prodotti tas-sajd. Madankollu, din il-kontribuzzjoni tista' wkoll tintuża sabiex tappoġġa l-azzjonijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għall-inizjattivi nazzjonali u jittama li dawn jinkludu xi forma ta' ffinanzjar għal proġetti ta' infrastruttura lokali ta' l-ipproċessar u l-bejgħ tal-ħut biex jgħinu lill-popolazzjoni lokali tmur lilhinn mis-sajd għall-għajxien ta' kuljum.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew jilqa' wkoll b'sodisfazzjon il-fatt li l-ftehima qed tipproponi miżuri ta' appoġġ għall-immonitorjar, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd u li tinkoraġġixxi koperazzjoni xjentifika u teknika ma' l-awtoritajiet lokali. Ir-riżoluzzjoni UE/ACP, imsemmija hawn fuq, tqis li analiżi xjentifika tar-riżorsi trid tkun kundizzjoni minn qabel għall-aċċess għas-sajd, u li l-analiżi annwali tar-riżorsi għandha tkun waħda mill-kundizzjonijiet biex ikunu akkwistati aktar permessi għas-sajd.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew ma japprovax il-proċedura adottata għal din il-ftehima għaliex il-Parlament Ewropew kellu jkun involut fil-mandat tan-negozjati, li l-Kunsill ikun bagħat lill-Kummissjoni u li għalhekk kien ikun infurmat bl-iżvilupp tan-negozjati.

Il-Parlament ġie kkonsultat dwar il-ftehima proposta f'Novembru 2007, ħames xhur wara li l-ftehima ġiet inizzjalata, bil-għan li tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2007. Il-Parlament, filwaqt li jinnota d-dewmien iqsar meta mqabbel ma' Ftehimiet simili ta' qabel, għandu joġġezzjona u għandu jinsisti li din il-proċedura mhix aċċettabbli.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jilħqu ftehim dwar dawk il-kundizzjonijiet li jagħtu lill-Parlament opportunità vera li jkun ikkonsultat. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kumitat dwar is-Sajd għandu jagħti bidu għar-reazzjoni tal-Parlament għall-istatus quo attwali, inkluża l-possibilità

li jivvota kontra ftehimiet tas-sajd ippreżentati skond il-proċedura preżenti.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni[1]	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 Premessa 2 a (ġdida)	
	(2a) Il-kumpens finanzjarju tal-Komunità għandu jintuża għall-iżvilupp tal-popolazzjonijiet ta' sajjieda li joqogħdu mal-kosta u sabiex jinħolqu industriji lokali żgħar għall-iffriżar u l-ipproċessar tal-ħut;

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

PROĊEDURA

Titolu	Ftehima ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-KE u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw
Referenzi	COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS)
Kumitat responsabbli	PECH
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 25.10.2007
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Josep Borrell Fontelles 5.11.2007
Data ta' l-adozzjoni	29.1.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Marie-Arlette Carlotti, Corina Creţu, Ryszard Czarnecki, Nirj Deva, Koenraad Dillen, Fernando Fernández Martín, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Madeleine Jouye de Grandmaison, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Johan Van Hecke, Jan Zahradil
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sorin Frunzăverde, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Atanas Paparizov, Anne Van Lancker, Ralf Walter, Renate Weber
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Neris

28.2.2008

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea-Bissaw
(COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Helga Trüpel

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-ftehim ta' l-UE mal-Ginea-Bissaw huwa wieħed mill-aktar ftehimiet antiki, li sar fl-1980. Il-verżjoni attwali hija Ftehim ta' Sħubija għas-Sajd, bħala parti mill-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-2004. Dan jinkludi l-ftehim innifsu u l-protokoll assoċjat, li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-sajd b'mod dettaljat.

Il-protokoll jipprovdi aċċess għall-ibħra tal-Ginea-Bissau, għal perjodu ta' erba' snin mis-16 ta' Ġunju 2007 sal-15 ta' Ġunju 2011:

	Protokoll ta' l-2001-2006 **(estiż sa l-2007)**		**Protokoll ta' l-**2007-2011	
Bastimenti bit-tartarun idur u bastimenti bil-konz tal-wiċċ	**40**	**ES, FR, IT**	**23**	**ES, FR, PT**
Bastimenti bil-qasab u x-xlief	**30**	**ES, FR, PT**	**14**	**ES, FR**
Sajd għall-gambli	**9,600 GRT (emendata għal 4,400 GRT)**	**ES, GR, IT, PT**	**4,400 GRT**	**ES, IT, GR, PT**
Ħut u ċefalopodi	**2,800 (emendata għal 4,400 GRT)**	**ES, IT, GR**	**4,400 GRT**	**ES, IT, GR**

Hemm ukoll dispożizzjonijiet għal sajd esploratorju minn bastimenti ta' l-UE.

Il-protokoll jistipula li l-UE tagħmel kontribut finanzjarju ta' €7 miljun fis-sena lill-Ginea Bissaw li jikkonsistu:

- f'kontribut finanzjarju dovut għall-aċċess għas-sajd, u
- f'appoġġ ta' l-UE għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Ginea Bissaw dwar is-sajd

Hemm żewġ klawżoli strambi fil-protokoll. F'Artikolu 2.2, il-protokoll jgħid li jekk l-użu ta' l-opportunitjaiet tas-sajd mill-bastimenti ta' l-UE jiżdied, il-Komunità jista' jkun li tagħti ammont aktar lill-Ginea-Bissaw, sa €1 miljun fis-sena. Mhux ċar għalfejn użu ikbar ta' l-opportunitajiet li diġà sar ħlas għalihom għandhom jimmeritaw €1 miljun aktar. Wara, f'Artikolu 5.1, il-Protokoll jgħid li l-opportunitajiet ta' sajd infushom (imsemmija fit-tabella ta' hawn fuq) jistgħu jiżdiedu, jekk evalwazzjoni xjentifika tkun turi li dan huwa sostenibbli, filwaqt li l-kumpens finanzjarju jiżdied pro rata temporis, sa d-doppju ta' l-ammont inizjali ta' €7 miljun. Mhux ċar kif dawn iż-żewġ klawżoli jirrelataw ma' xulxin, u l-Kummissjoni ma tatx spjegazzjoni f'waqtha sabiex tiġi inkluża f'din l-opinjoni. Ir-rapporteur għall-opinjoni tapprezza spjegazzjoni waqt id-diskussjoni tal-Kumitat dwar l-opinjoni.

Kontribuzzjoni addizzjonali ta' €500.000 fis-sena se ssir biex tgħin sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet sanitarji jew sabiex titjieb is-sorveljanza ta' l-attivitajiet tas-sajd. Il-Komunità żżomm id-dritt li tissospendi dan l-ammont ta' l-aħħar jekk ma tarax riżultati.

Bħas-soltu fil-ftehimiet ġodda ta' sħubija, parti mill-kumpens huwa assenjat sabiex jappoġġja l-programm plurijennali tas-settur tas-sajd tal-Ginea-Bissaw "bil-għan li jintroduċu sajd responsabbli u sostenibbli" – f'dan il-każ, 35% tal-kumpens jew €2.45 miljun. Il-programm, li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu miftehma b'mod konġunt bejn l-UE u l-Ginea-Bissaw, għandu jikkonċentra fuq is-sorveljanza ta' l-attivitajiet tas-sajd, ir-riċerka u l-immaniġġjar tas-sajd.

Hemm dispożizzjonijiet għat-twaqqif ta' impriżi konġunti bejn operaturi ta' l-UE u l-Ginea-Bissaw li jistgħu, f'xi każi, ineħħu l-ħtieġa ta' ħlas ta' liċenzji minn sidien ta' bastimenti ta' l-UE.

Il-Kummissjoni proponiet regolament ġdid sabiex jirregola l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd skond dawn il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi (COM(2007)0330). Fis-sistema proposta jkun hemm kundizzjonjiet għall-ħruġ ta' liċenzji għall-bastimenti, biex il-bastimenti li ma jirrapportawx il-qabdiet tagħhom, li jkunu wettqu ksur serju tar-Regolament (KE) Nru 1447/1999, li jkun fuq lista ta' l-IUU (bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rapportat jew mhux regolat, ara COM(2007)0602) jew diversi rekwiżiti oħra ma jingħatawx liċenzja. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li tkun tista' żżomm l-applikazzjonijiet kollha għal-liċenzji minn Stat Membru partikulari għal ftehim partikulari jekk dak l-Istat Membru ma jissodisfax l-obbligi tiegħu skond dak il-ftehim. Għaldaqstant l-emenda li adotta riċentement

il-Kumitat għall-Baġits dwar il-waqfien ta' l-applikazzjonijiet ta' liċenzji għal bastimenti li ma jirrappurtawx il-qabdiet tagħhom hija tajba u għandha titkompla.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni[1]	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 Artikolu 3, paragrafu 1 a (ġdid)	
	Il-Kummissjoni għandha tevalwa kull sena jekk l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom joperaw skond il-Protokoll tal-Ftehim ikunux konformi mar-rekwiżiti ta' rappurtaġġ. Fejn dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni għandha tiċħad it-talbiet tagħhom għal liċenzji tas-sajd għas-sena ta' wara.
Ġustifikazzjoni	
Il-bastimenti li ma jikkonformawx mar-rekwiżit l-iktar bażiku, dak li jirrappurtaw dwar il-qabdiet tagħhom, m'għandhomx jibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja ta' l-UE.	
Emenda 2 Artikolu 3 a (ġdid)	
	Artikolu 3 a
	Il-Kummissjoni għandha tirrapporta b'mod annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-riżultati tal-programm settorjali plurijennali deskritt f'Artikolu 7 tal-Protokoll kif ukoll tal-konformità ta' l-Istati Membri mar-rekwiżiti ta' rappurtaġġ.

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

Ġustifkazzjoni

Sabiex tevalwa jekk il-kumpens imħallas mill-UE jinżammx kont xieraq tiegħu u fil-fatt jippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fil-Ginea-Bissaw, il-Kummissjoni għandha ta' kull sena tirrapporta lill-Parlament.

Emenda 3
Artikolu 3 b (ġdid)

Artikolu 3 b

Qabel ma jiskadi l-Protokoll jew jibdew negozjati ġodda għas-sostituzzjoni possibbli ta' l-istess Protokoll, il-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni ex post tal-Protokoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, liema evalwazzjoni tkun tinkludi l-analiżi tan-nefqa mqabbla mal-benefiċċji.

Ġustifikazzjoni

Qabel ma jinbdew kwalunkwe negozjati hija meħtieġa evalwazzjoni tal-protokoll attwali, sabiex isir magħruf x'bidliet, jekk ikun il-każ, għandhom jiddaħħlu f'tiġdid eventwali.

PROĊEDURA

Titolu	Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Ginea-Bissaw
Referenzi	COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS)
Kumitat responsabbli	PECH
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 25.10.2007
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Helga Trüpel 20.9.2004
Data ta' l-adozzjoni	27.2.2008
Riżultat tal-vot finali	+: 15 –: 0:
Membri preżenti għall-vot finali	Reimer Böge, Valdis Dombrovskis, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Monica Maria Iacob-Ridzi, Anne E. Jensen, Vladimír Maňka, Jan Mulder, Cătălin-Ioan Nechifor, Theodor Dumitru Stolojan, László Surján, Helga Trüpel, Ralf Walter

PROĊEDURA

Titolu	Ftehima ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-KE u l-Ginea-Bissaw
Referenzi	COM(2007)0580 – C6-0391/2007 – 2007/0209(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	22.10.2007
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 25.10.2007
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE BUDG 25.10.2007 25.10.2007
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Luis Manuel Capoulas Santos 22.11.2007
Data ta' l-adozzjoni	28.2.2008
Riżultat tal-vot finali	+: 19 –: 4 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Alfonso Andria, Elspeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Iles Braghetto, Luis Manuel Capoulas Santos, Paulo Casaca, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Avril Doyle, Emanuel Jardim Fernandes, Carmen Fraga Estévez, Duarte Freitas, Ioannis Gklavakis, Hélène Goudin, Pedro Guerreiro, Ian Hudghton, Heinz Kindermann, Rosa Miguélez Ramos, Marianne Mikko, Philippe Morillon, Seán Ó Neachtain, Struan Stevenson, Catherine Stihler, Margie Sudre, Cornelis Visser
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Vincenzo Aita, Liam Aylward, Reimer Böge, Colm Burke, Giorgio Carollo, Ole Christensen, Dorette Corbey, Paolo Costa, Brian Crowley, Chris Davies, Constantin Dumitriu, Claudio Fava, Béla Glattfelder, Ewa Klamt, Carl Lang, Antonio Masip Hidalgo, Jan Mulder, Francesco Musotto, Josu Ortuondo Larrea, Neil Parish, Raül Romeva i Rueda, María Isabel Salinas García, Carl Schlyter, Czesław Adam Siekierski, Thomas Wise
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali	Francesco Ferrari
Data tat-tressiq	29.2.2008